MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 474/2009/1

**Garden of Eden Garage Limited**

**v.**

**Awtorita` Dwar It-Trasport Ta' Malta**
**u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2010,**
**l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawża**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Settembru 2011, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-

“**Il-Qorti:**

“Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta’ Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-inerzja murija mill-Awtorita’ mħarrka dwar it-talbiet tal-istess kumpannija attriċi għall-ħruġ tal-liċenzi tat-tmien vetturi tagħha tal-għamla *open top double-deckers* għandha titqies bħala rifjut għal tali talbiet, għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) issib li dak ir-rfjut huwa wieħed null, ma jiswiex u bla effett fil-liġi, għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u/jew (1)(b)(iii) u/jew (1)(b)(iv) tal-Kap 12 imsemmi; (ċ) tordnalha biex tibda jew tissokta tipproċessa t-talbiet tagħha minnufih u tgħaddi biex twettaq l-għamil amministrattiv mitlub mill-kumpannija attriċi, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa; (d) issib li l-Awtorita’ mħarrka mxiet b’ħażen jew b’mod mhux raġonevoli fil-konfront tagħha u għaldaqstant taħti lejha għad-danni mġarrba mill-istess kumpannija attriċi minħabba l-għamil amministrattiv impunjat; (e) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħidma ta’ periti mqabbdin mill-Qorti, d-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tal-Awtorita’ mħarrka; u (f) tikkundanna lill-Awtorita’ mħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati, u dan taħt kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li l-Qorti jkun jidhrilha meħtieġa u f’waqtha. Talbet ukoll l-ispejjeż;

“Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita’ mħarrka fit-22 ta’ Ġunju, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalet li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex il-kumpannija attriċi kellha rimedju ieħor taħt l-artikolu 31 tal-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li hija b’xi mod naqset milli twettaq dmirha jew li dak li għamlet ma jiswiex. Hija saħqet li qiegħda tipproċessa t-talbiet tal-kumpannija attriċi u għalhekk it-tielet talba attriċi m’għadx hemm bżonnha. Tgħid li

għarrfet lill-kumpannija attriċi li tista' tinħareġ liċenza għal kull waħda mill-vetturi tagħha jekk kemm-il darba jitħarsu r-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Avviż Legali 149 tal-2009). L-Awtorita' mħarrka żżid tgħid li ma mxiet bl-ebda ħażen mal-kumpannija attriċi, li għandha d-dmir li turi bi provi li tassew kien hemm din il-mala fidi, u li minħabba fiha tassew iġġarrbu d-danni minnha reklamati u li l-kumpannija attriċi għamlet minn kollox biex tnaqqashom;

"Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2009, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari;

"Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2009[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' mħarrka;

"Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2010[2], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tat-28 ta' Jannar, 2010, ordnat li għalissa ssir it-trattazzjoni u tingħata sentenza limitatament għall-ewwel tliet talbiet attriċi;

"Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

"Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2011, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu għalihom, u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-istess bil-miktub;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-2 ta' Frar, 2011[3];

[1] Paġġ. 38 sa 46 tal-proċess
[2] Paġ. 197 tal-proċess
[3] Paġġ. 404 sa 420 tal-proċess

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita’ mħarrka fit-2 ta’ Marzu, 2011[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

“Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi;

“Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Marzu, 2011[5], li bih irriżervat li tipprovdi dwar it-talba mressqa mill-kumpannija attriċi f’rikors tagħha tat-2 ta’ Marzu, 2010, wara li tisma’ x’għandha xi tgħid l-Awtorita’ imħarrka għat-talba attriċi, biex il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza għall-finijiet tal-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’każ li t-talbiet attriċi jew liema minnhom jintlaqgħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Marzu, 2011, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet dwarhom fil-mertu;

“***Ikkunsidrat:***

“Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta’ għamil amministrattiv. Il-kumpannija attriċi (aktar ’il quddiem imsejħa “GOE”) ressqet talba mal-Awtorita’ mħarrka sabiex jinħarġulha liċenzi dwar tmien (8) vetturi tal-għamla *open top double-deckers* li hija ġabet f’Malta minn barra sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-ġarr ta’ persuni f’ġiti turistiċi madwar Malta. Hija tgħid li l-Awtorita’ mħarrka tnikkret biex tqis jekk kellhiex tilqa’ t-talbiet tagħha, u għalhekk trid li l-Qorti ssib li dan it-tnikkir ifisser rifjut tat-talba u li dan sar bi ħsieb biex il-liċenzi ma jinħarġux. Trid ukoll li l-Qorti ssib li dak ir-rifjut jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u/jew (1)(b)(iii) u/jew (1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u biex tordna lill-Awtorita’ mħarrka tibda jew tissokta tipproċessa t-talba tagħha bla dewmien u fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tordna. Ladarba li, minħabba f’hekk, GOE

[4] Paġġ. 421 sa 442 tal-proċess
[5] Paġ. 443 tal-proċess

ġarrbet danni, trid li l-Qorti ssib li kien dak in-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Awtorita' (li sar b'mala fidi jew b'mod mhux raġonevoli) li ħalaq dawn id-danni u għalhekk l-Awtorita' għandha tagħmel tajjeb għalihom;

"Illi għal din l-azzjoni l-Awtorita' mħarrka laqgħet, fost l-oħrajn, bl-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex il-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju li GOE kellha kontra dak l-għamil setgħet kisbitu mod ieħor kif tipprovdi l-liġi speċjali. Fil-mertu, l-Awtorita mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "TM") laqgħet billi qalet li la kien hemm tnikkir u lanqas rifjut tat-talba magħmula minn GOE. F'kull każ, tgħid li t-tielet talba attriċi saret għal xejn għaliex hija għadha qiegħeda tikkunsidra t-talba ta' GOE u diġa' għarrfitha li l-vetturi jistgħu jingħataw il-liċenza sakemm ikunu joqogħdu għal dak mitlub mir-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizz ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Avviż Legali 149 tal-2009). Ċaħdet li hija mxiet b'xi mod b'mala fide jew b'irresponsabbilta' fil-konfront ta' GOE u żiedet tgħid li, f'kull każ, GOE trid tipprova (i) li TM imxiet magħha b'mala fidi, (ii) trid tipprova d-danni li tallega li ġarrbet, trid tipprova (iii) li l-imsemmija danni huma l-effett dirett tal-imġiba ta' TM, u trid tipprova (iv) li hija għamlet minn kollox biex tnaqqas dawk id-danni;

"Illi b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2009, il-Qorti ma laqgħetx l-imsemmija eċċezzjoni preliminari proċedurali;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar is-siwi tal-ewwel tliet talbiet attriċi u dwar l-eċċezzjonijiet fil-mertu li tqajmu dwarhom;

"Illi <u>mill-atti tal-kawża jirriżulta</u> li fis-17 ta' Ottubru, 2008[6], Alfred Spiteri f'isem GOE talab lil TM biex tawtorizżżah iġib f'Malta sitt (6) *open top double-decker buses* biex jintużaw għall-ġiti turistiċi. B'ittra oħra mibgħuta għaxart ijiem wara mill-avukat ta' GOE[7], hija ċċarat li t-talba kienet qiegħda

[6] Dok "ADT2", f'paġ. 16 tal-proċess
[7] Dok "ADT3", f'paġ. 17 tal-proċess

ssir għal tmien (8) vetturi u mhux għal sitta, u li dawn kellhom ikunu l-istess bħal vetturi oħrajn bħalhom imħaddmin minn kumpannija oħra fl-istess qasam;

"Illi b'deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2008[8], il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kienet qatgħetha li tliet (3) vetturi tal-għamla *open-top double-deckers* li GOE kienet ġabet f'Malta fi żmien qabel kellhom jingħataw liċenza minn TM. Dawn kienu vetturi li GOE kienet ilha żmien li daħħlet f'Malta u kienu differenti minn dawk li għalihom ressqet l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-liċenza mertu ta' din il-kawża. "Kemm il-Ministeru[9] u kif ukoll TM[10] urew li kienu joqogħdu għal dik id-deċiżjoni. TM kienet ħarġet il-liċenza għal dawk it-tliet vetturi f'Novembru u fil-bidu ta' Diċembru tal-2008[11];

"Illi bejn l-10 u l-11 ta' Novembru, 2008, GOE xtrat fir-Renju Unit it-tmien (8) vetturi li kienet talbet il-liċenza dwarhom[12]. Sa nofs dak ix-xahar GOE ġabet f'Malta erbgħa (4) minnhom[13] bil-baħar u sdoganathom[14]. Jumejn wara, GOE fetħet il-proċedura ma' TM biex tilliċenzjahomlha għal fuq it-triq[15] u biex isirulhom l-ispezzjonijiet meħtieġa. Min-naħa tagħha, GOE ħadet il-vetturi għall-ispezzjoni tal-VRT u ma nstab l-ebda ntopp fihom;

"Illi f'Diċembru tal-2008, il-Ministru ta direttiva lill-Awtorita' mħarrka biex ma toħroġx il-liċenza mitluba[16] sakemm titfassal politika dwar dan il-qasam sal-ewwel kwart ta' s-sena ta' wara (2009). Dwar dan, ħarġet stqarrija fis-sit elettroniku tal-Ministeru[17]. L-Awtorita' mħarrka għarrfet lil uffiċjali ta' GOE bil-fomm dwar din id-direttiva;

---

[8] Rik. 6/06 fl-ismijiet *Marianna Spiteri et vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta*, f'paġġ. 301 – 317 tal-proċess
[9] Dok "AS5" f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[10] Dok "AS10", f'paġġ. 75 – 6 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Maria Grazia Vella 28.1.2010, f'paġ. 173 tal-proċess
[12] Dokti "AS32A" u "AS33A", f'paġġ. 224 – 5 tal-proċess
[13] Dokti "AS5A", "AS5B", "AS5F" u "AS5Ġ", f'paġġ. 58 – 9 u 63 – 4 tal-proċess
[14] Dokti "AS6" u "AS7", f'paġġ. 66 – 7 tal-proċess
[15] Dokti "AS7A" sa "AS7E", f'paġġ. 68 sa 72 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Vincent Micallef Pule' 23.7.2009, f'paġ. 27 tal-proċess
[17] Dok "AS31", f'paġ. 153 tal-proċess

"Illi b'ittra li ġġib id-data tal-4 ta' Diċembru, 2008[18], TM bagħtet tgħarraf lil GOE li l-appuntament li kien ingħatalha għall-ispezzjoni tal-ewwel żewġ vetturi li waslu f'Malta kien qiegħed jitħalla għal data oħra sakemm tkun finalizzata l-politika u speċifikazzjonijiet ġodda tagħha dwar l-*open-top buses*;

"Illi f'Jannar tal-2009, GOE ġabet f'Malta l-erba' (4) *open-top buses* l-oħrajn mixtrija mir-Renju Unit[19], u li waslu f'Malta bil-baħar fil-15 ta' dak ix-xahar u wkoll ġew sdoganati[20]. Ħamest ijiem wara, GOE ressqet talba ma' TM biex jinbeda l-proċess għal-liċenzjar u l-eżamijiet tal-imsemmija vetturi[21]. Għal dawn ukoll, GOE għamlet it-testijiet tal-VRT u ma nstab xejn ħażin fihom;

"Illi f'Marzu tal-2009[22] GOE bagħtet *memorandum* lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta biex tilminta miegħu dwar iż-żamma tal-proċess min-naħa ta' TM għall-ħruġ tal-liċenzi tat-tmien vetturi li hija kienet xtrat minn barra u biex titolbu jistħarreġ l-ilment tagħha, fid-dawl tad-deċiżjoni li l-Kummissjoni kienet ħadet f'Ottubru ta' qabel dwar il-vetturi l-oħra ta' GOE. B'deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' April, 2009[23], id-Direttur għall-imsemmi Uffiċċju sabet li GOE kellha raġun tilminta mid-dewmien u sabet ukoll li seħħ ksur kemm tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tad-deċiżjoni li l-Kummissjoni nnifisha kienet tat f'Ottubru tal-2008, u ordnat lil TM biex tieqaf milli tkompli tipposponi aktar il-proċess tal-approvazzjoni tal-liċenzi mitluba minn GOE;

"Illi, sadattant, fl-24 ta' April, 2009[24], il-kumpannija Supreme Travel Limited kienet talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[25] kontra TM biex ma tipproċessa l-ebda talba għall-ħruġ ta' liċenza għal *open top buses* li ma tissoddisfax l-istess rekwiżiti imposti fuqha meta hija

[18] Dok "AS19" , f'paġ. 141 tal-proċess
[19] Dokti "AS5Ċ", "AS5D", "AS5E" u "AS5Ħ", f'paġġ. 60 – 2 u 65 tal-proċess
[20] Dok "AS20", f'paġ. 142 tal-proċess
[21] Dokti "AS21" sa "AS29", f'paġġ, 143 sa 151 tal-proċess
[22] Dok "AS32", f'paġġ. 154 – 6 tal-proċess
[23] Dok "AS33", f'paġġ. 157 sa 160 tal-proċess
[24] Dok "KBĊ", f'paġġ. 333 sa 343 tal-proċess
[25] Rik. 704/09

irreġistrat u kisbet liċenza għal vetturi simili fil-każ tagħha. B'degriet tat-30 ta' April, 2009, it-talba ntlaqgħet b'mod provviżorju, iżda Supreme Travel ċediet it-talba tagħha fit-28 ta' Mejju, 2009, qabel ma ngħata d-degriet definittiv u wara li TM kienet iddikjarat li kull talba kienet sejra tipproċessaha skont il-ħtiġijiet tal-Avviż Legali li sadattant kien daħal fis-seħħ;

"Illi għalkemm jidher li TM kienet talbet lill-Kummissjoni biex tistħarreġ l-imsemmija Deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċċju[26], it-talba tagħha rtiratha f'Ġunju[27];

"Illi sadattant din il-kawża nfetħet fit-18 ta' Mejju, 2009. L-għada nħarġu Regolamenti dwar is-Servizz ta' Ġarr tal-Passiġġieri[28] fil-Gażżetta tal-Gvern (suppliment fil-ħarġa 18,425). Fit-8 ta' Ġunju, 2009[29], l-Awtorita' mħarrka bagħtet tgħarraf lil GOE li kienet lesta toħroġ il-liċenzi mitluba jekk kemm-il darba l-vetturi importati jkunu joqogħdu għal dak mitlub fir-Regolament 29 tal-imsemmija Regolamenti. Fit-28 ta' Settembru, 2009[30], TM bagħtet tgħarraf lil GOE li ma kinitx sejra tilqa' l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza għal sitta (6) mit-tmien vetturi li kienet ġabet f'Malta, għaliex id-data tal-manufattura tagħhom ma kinitx taqbel ma' dak li jrid ir-regolament 28(2) tal-imsemmija Regolamenti;

"Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>, din il-Qorti trid timxi ma' dak mitlub minn GOE fid-dawl tal-eċċezzjonijiet li TM qajmet kontra dawk it-talbiet li din is-sentenza sejra tistħarreġ. Kif ingħad qabel, din is-sentenza qiegħda tqis biss l-ewwel tliet talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet għalihom;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attriċi** jingħad li GOE qiegħda titlob dikjarazzjoni li n-nuqqas ta' approvazzjoni min-naħa ta' TM għal-liċenzi mitluba (hija ssejħilha "inerzja") tissarraf f'rifjut tal-istess talbiet għall-

---

[26] Dok "KBB", f'paġ. 331 tal-proċess
[27] Deċiżjoni KUmm. Kumm. Ġust 15.6.2009, f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess
[28] Avviż Legali 149 tal-2009 (partijiet minnha daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Mejju, 2009, filwaqt li partijiet oħrajn minnha daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Novembru, 2009)
[29] Dok "ADT1", f'paġ. 15 tal-proċess
[30] Dok "AS36", f'paġ. 228 tal-proċess

finijiet tat-tifsira ta' "għamil amministrattiv" kif tinsab fl-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. TM tiċħad li hija tnikkret jew li mxiet bil-lajma dwar it-talba ta' GOE: tiċħad b'qawwa akbar li hija irrifjutatilha dik it-talba;

"Illi biex għamil amministrattiv ikun jista' jiġi mistħarreġ minn Qorti, irid ikun jirrigwarda att li jikkostitwixxi deċiżjoni minn awtorita' pubblika[31]. L-att deċiżjonali jista' jkun wieħed fejn tittieħed deċiżjoni li tilqa' talba, daqskemm jista' jkun wieħed fejn it-talba ma tintlaqax[32]. Ir-rifjut ta' talba jitqies li jkun seħħ mhux biss meta t-talba tkun miċħuda espressament imma wkoll fejn tibqa' ma titteħidx deċiżjoni fi żmien xahrejn (jew xi żmien ieħor differenti li xi liġi partikolari tista' tistabilixxi) mill-wasla għand l-awtorita' pubblika li tkun ta' talba bil-miktub minn persuna li tkun trid deċiżjoni għal daqshekk. Fil-każ li għandna quddiemna, TM kienet żammet lura milli tiddeċiedi dwar it-talba ta' GOE fi żmien xahrejn minn dak inhar li kienet saritilha talba bil-miktub. Dan in-nuqqas baqa' jiġri, għal raġuni jew oħra, għal żmien ta' aktar minn xahrejn. Għalhekk, il-qagħda li sabet ma' wiċċha GOE kienet waħda ta' rifjut għall-finijiet tat-tifsira ta' "għamil amministrattiv";

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi u twarrab it-tieni eċċezzjoni ta' TM safejn tirrigwarda din it-talba;

"Illi l-Qorti issa sejra tqis **it-tieni talba attriċi** dwar is-siwi tal-imsemmi rifjut tat-talba attriċi. GOE tibni dik it-talba fuq il-kawżali li dak ir-rifjut jikser il-Kostituzzjoni u li huwa *ultra vires*. Dwar l-ewwel kawżali (l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12) din il-Qorti tgħid li GOE ma wriet bl-ebda mod kif l-imġiba ta' TM kisret il-Kostituzzjoni. Tinnota wkoll li, fl-ebda waqt matul is-sottomissjonijiet elaborati u estensivi tagħha, GOE lanqas biss reġgħet semmiet din il-kawżali. Għalhekk, sejra tilqa' s-sottomissjoni ta' TM[33] biex issib li din il-kawżali m'hijiex pruvata;

---

[31] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Galea vs Kmandant tat-Task Force et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.541**)
[32] Ara t-tifsira ta' "*għemil amministrattiv*" fl-art. 469A (2) tal-Kap 12
[33] Paġ. 432 tal-proċess

"Illi, dwar il-kawżali l-oħra, mill-kliem tal-artikolu 469A tal-Kap 12, joħroġ li l-liġi tqis erba' ċirkostanzi fejn awtorita' pubblika titqies li jaqbżet is-setgħat tagħha taħt din id-dispożizzjoni. GOE issemmi ż-żewġ ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b)(iii) – "meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; u fl-artikolu 469A(1)(b)(iv) – "meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi";

"Illi GOE tidentifika dan il-ksur fil-fatt li (i) TM għażlet li ma tipproċessax it-talba tagħha "b'konsegwenza ta' direttiva mogħtija lilha mill-Ministeru responsabbli". Tqis li dik l-imġiba (ii) tmur kontra l-prinċipji ta' amministrazzjoni pubblika xierqa kif stabilita fid-dritt pubbliku (amministrattiv) ingliż li għandu jitqies li jgħodd għal Malta wkoll. Tisħaq li (iii) direttivi ministerjali ma jistgħux ikunu għal każijiet speċifiċi u/jew li jiksru xi dispożizzjoni ta' liġi li tkun fis-seħħ. Fl-aħħarnett, tgħid (iv) li f'kull każ hija kellha l-aspettativa leġittima li t-talba tagħha għall-ħruġ ta' liċenza dwar il-vetturi li ġabet hawn Malta tintlaqa' ladarba ntlaqgħet talba mingħand ħaddieħor ukoll;

"Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax li TM kienet "baxxiet rasha" għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li kienet ingħatat f'Ottubru tal-2008 dwar it-tliet vetturi li GOE kienet daħħlet f'Malta mal-ħmistax-il sena qabel. Tinnota wkoll li l-Ministeru ħareġ stqarrija għall-istampa biex juru l-qbil mal-imsemmija deċiżjoni u li dan il-qbil kien jimxi id f'id mal-fehma tal-Gvern li jiftaħ is-suq u jneħħi kull sura ta' monopolju fil-qasam tat-trasport pubbliku[34]. Bl-istess mod, tinnota li, sa dak inhar li GOE ġabet it-tmien vetturi l-oħrajn minn barra, TM tgħid li ma kienx għad għandha politika (*policy*) partikolari dwar l-*open-top double-decker buses*. Kemm hu hekk, TM tgħid li meta nħarġet il-liċenza favur GOE dwar it-tliet vetturi li dwarhom kienet ingħatat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Ottubru,

[34] Xhieda ta' Emanuel Delia 11.1.2011, f'paġġ. 396 – 7 tal-proċess

bħala kundizzjonijiet tal-istess liċenza kienet inqdiet b'kundizzjonijiet li kienu ngħataw lil operatur ieħor ta' vetturi bħal dawn xi żmien qabel[35];

"Illi TM tissottometti[36] li, qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 149 tal-2009, is-suq għall-*open-top buses* kien wieħed limitat u jaħdem fl-ambitu ta' suq magħluq. Minħabba f'hekk, tgħid li ma kellhiex fuqiex timxi biex tipproċessa t-talba ta' GOE ladarba l-istess kumpannija attriċi ma kenitx ressqet l-offerta tagħha fis-sejħa għall-offerti (*tender*) li kienet inħarġet qabel u li minnha kienet ibbenefikat kumpannija oħra. Hija tisħaq ukoll li s-suq kien liberalizżat tassew biss malli daħal fis-seħħ l-Avviż Legali msemmi. Minbarra dan, issemmi l-fatt li f'Ottubru 2008, GOE kienet talbet li TM tawtorizżaha biex iġġib f'Malta sitt vetturi (li mbagħad, wara ftit jiem, żdiedu għal tmienja) u b'dan hija tifhem li GOE kienet taf li sa dak iż-żmien is-suq kien għadu wieħed magħluq. Ladarba TM ma kinitx formalment awtorizżat (u lanqas formalment ċaħdet it-talba) lil GOE biex timporta l-imsemmija vetturi, jiġi li GOE ġabithom b'riskju tagħha u ma kellha l-ebda jedd tippretendi li tinħarġilha l-liċenza għall-imsemmija vetturi;

"Illi, minkejja dan kollu, l-Qorti tqis li l-imsemmija deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet stabiliet linji-gwida mandatorji li fuqhom TM kellha timxi fil-ħruġ tal-permessi mitluba, ma' liema linji l-Ministeru saħansitra kien wera qbil u approvazzjoni[37]. Għalhekk, jekk kemm-il darba kien minnu li TM ma kellha sa dak iż-żmien l-ebda politika speċifika għall-ħruġ u għoti ta' liċenza għal vetturi bħal dawn, jiġi li hija messha mxiet fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u wkoll fuq il-"preċedent" tal-kundizzjonijiet li kienu ngħataw lil operatur/i oħra awtorizżati li diġa' kienu qegħdin jaħdmu f'dak il-qasam. Din il-fehma kienet tennietha wkoll id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta f'April tal-2009 (meta kien diġa' nqala' t-tilwim bejn GOE u TM u qabel ma nfetħet din il-kawża), iżda TM

---

[35] Xhieda ta' Vincent Micallef Pule' 28.1.2010, f'paġ. 182 tal-proċess
[36] Paġġ. 423 – 7 tal-proċess
[37] Dok "AS5", f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess

baqgħet tistenna lill-Gvern biex jippubblika l-politika l-ġdida dwar dawk il-vetturi fis-sura ta' Avviż Legali. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja ta' mġiba u wisq anqas mar-'raġuni' miġjuba mit-tmexxija ta' TM fis-sens li GOE ġabet it-tmien vetturi b'riskju tagħha u li kull każ jitqies mill-istess Awtorita' individwalment[38];

"Illi f'dan ir-rigward, l-għaref difensur ta' TM, waqt it-trattazzjoni tagħha bil-fomm fl-għeluq tal-kawża kienet qalet li, fiż-żmien rilevanti, TM kellha l-prassi li kull min kien fi ħsiebu jdaħħal f'Malta vettura tal-għamla bħal dawk li riedet iġġib f'Malta GOE, kien ried jikseb il-permess preventiv tal-istess Awtorita' u li kien f'dan il-kuntest li l-importatur kien ikun qiegħed jimporta vettura b'riskju għalih. Issa mill-provi ħareġ ċar li GOE kienet ressqet talba bil-miktub f'Ottubru tal-2008 biex iġġib f'Malta, l-ewwel sitta, u mbagħad żiedet żewġ vetturi oħra. Iżda mill-istess provi ħareġ ukoll li TM qatt ma weġbitha bil-miktub, la bi qbil u lanqas b'ċaħda. Għalhekk il-Qorti ma tifhimx x'għamla ta' prassi riedet timxi biha TM, dik li tistenna li ssirilha talba bil-miktub minn applikant biex imbagħad tibqa' ma tweġibhiex, meta taf li talba bħal dik tinvolvi lill-applikant f'investiment mhux żgħir;

"Illi l-Qorti tifhem li TM għandha diskrezzjoni u setgħa bil-liġi li tqis it-talbiet li jsirulha għall-ħruġ ta' liċenzi, iżda dan qajla jista' jissarraf f'diskrezzjoni wiesgħa b'mod li t-talba titqies minn skont min tkun saret u mhux strettament fuq il-linji gwida li jkunu fis-seħħ sa dak iż-żmien. Ukoll kieku kollox ikun sar sewwa u bl-akbar reqqa u skrutinju, mġiba bħal din tagħti lok għal suspetti li t-talba għall-ħruġ ta' liċenza tkun saret fuq merti individwali tal-applikant li jkun (trattament *ad personam*) u mhux fuq politika li titħaddem l-istess għal kulħadd. Dan joħloq periklu u inċertezza fejn m'hemmx lokhom. TM ma wrietx lill-Qorti b'raġuni tajba għaliex, imqar fil-każ tal-vetturi li GOE daħħlet f'Malta sa qabel l-4 ta' Diċembru, 2008, ma mexxietx it-talba għall-ħruġ tal-liċenza fuq is-saħħa tal-linji-gwida tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk mhux ukoll fuq il-kundizzjonijiet ta'

[38] Xhieda ta' Vincent Micallef Pule' 28.1.2010 u 11.1.2011, f'paġġ. 189 – 191 u 382 tal-proċess

liċenzi li hija kienet ħarġet lil ħaddieħor. Ma wrietx x'kellha differenti t-talba ta' GOE minn dawk ta' operaturi oħrajn li kienu diġa' qegħdin jaħdmu fil-qasam ma' Malta kollha jew għaliex, jekk GOE ma kinitx konformi mal-politika kurrenti, ma ċaħditilhiex mill-ewwel it-talba tagħha fuq daqshekk;

"Illi minn kif ġraw l-affarijiet, minflok għażlet xi waħda minn dawn it-toroq, TM qagħdet tistenna li l-Gvern ifassal politika ġdida għat-trasport pubbliku billi ħalliet lil GOE "fil-limbu", u mbagħad, meta ħareġ l-Avviż Legali bl-imsemmija politika, ħareġ li l-vetturi li GOE ġabet f'Malta ma kinux jingħataw liċenza jekk kemm-il darba dwar kull waħda mill-vetturi ma jitħallasx id-dritt mitlub fil-liġi taħt l-imsemmi Avviż Legali u, f'kull każ, ġew ma jaqblux mal-kriterji l-ġodda li daħlu fis-seħħ bl-imsemmi Avviż Legali[39]. Hawnhekk, il-Qorti tirrileva li meta daħlu fis-seħħ l-imsemmija Regolamenti, ma kellhom l-ebda dispożizzjoni li tgħid li dawn kienu jgħoddu minn xi data **qabel** ma dehru fil-Gazzetta tal-Gvern (jiġifieri nhar id-19 ta' Mejju, 2009); iżda, għall-kuntrarju, għandhom klawsola li tgħid[40] li, dwar Parti III (Permessi tax-Xufier), dawk id-dispożizzjonijiet kellhom jidħlu fis-seħħ sitt xhur **wara** l-pubblikazzjoni msemmija;

"Illi l-Qorti tinnota wkoll li din l-imġiba tistona mhux ftit meta mkejla mal-imġiba ta' TM innifisha. Dan jingħad, fl-ewwel lok, għaliex, fil-5 ta' Novembru, 2008[41], TM kienet fissret lil GOE x'kellhom ikunu l-kundizzjonijiet li riedu jitħarsu biex il-vetturi tagħha tinħarġilhom liċenza. F'dik l-ittra, jissemma saħansitra Avviż Legali partikolari[42] li miegħu dawk it-tliet vetturi kellhom ikunu jaqblu. Minbarra dan, meta f'April tal-2009, l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kien ta d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ilment ta' GOE sewwasew dwar it-tnikkir ta' TM biex tipproċessa t-talba għall-ħruġ ta' liċenza għat-tmien vetturi li kienet ġabet f'Malta matul Novembru tal-2008 u Jannar tal-2009, l-istess Uffiċċju kien wera lil TM liema kellha tkun il-liġi li

[39] Regg. 28(2)(b) u 29(1)(a) tal-A.L. 149/2009
[40] Reg. 1(2)
[41] Dok "AS10", f'paġġ. 75 – 6 tal-proċess
[42] A.L. 162/2003 dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.21) li sal-lum ghadhom fis-seħħ

kellha tirregola talba bħal dik – Avviż Legali 476/04[43] – u x'kienu l-kriterji li kellha tqis meta tikkunsidra dawk it-talbiet, u li ma kienx biżżejjed li TM "tiffriża" l-proċess għar-raġuni waħedha li l-Gvern kien sadattant ħareġ abbozz ta' r-regolamenti li 'l quddiem setgħu jidħlu fis-seħħ[44]. B'danakollu, TM baqgħet tagħmel ta' rasha. Fit-tieni lok, l-imġiba ta' TM ukoll ma tinftihemx meta, f'Jannar tal-2009 (jiġifieri aktar minn xahar wara li bagħtet ittra fl-4 ta' Diċembru ta' qabel li kienet ser tissospendi l-proċess ta' ħruġ ta' liċenzi ta' *open-top buses* sakemm toħroġ politika ġdida), TM xorta waħda laqgħet il-ħlas tal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza fir-rigward tat-tieni erba' vetturi li GOE kienet niżżlet f'Malta dak ix-xahar, imqar jekk fuq insistenza tal-istess GOE[45]. F'dan ir-rigward, il-Qorti m'hi sejra ssemmi xejn dwar x'ġara fiż-żmien li kienet miexja l-kawża għaliex ma setax kien ir-raġuni li wasslet biex tinfetaħ il-kawża, għalkemm tista' tixħet dawl fuq l-imġiba ta' TM fil-konfront ta' GOE, liema mġiba ma kinitx 'il bogħod ħafna minn trattament li jumilja 'l-kumpannija attriċi jew lir-rappreżentanti tagħha[46];

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tqis li meta awtorita' pubblika tissejjaħ biex tqis talba għall-ħruġ ta' xi liċenza li l-liġi tawtorizzaha li toħroġ, hija trid timxi b'għaqal u bla tnikkir fil-qafas tal-liġi kif tkun fis-seħħ dak iż-żmien jew ta' xi deċiżjonijiet ta' xi korp ogħla minnha dwar kif għandha timxi. B'mod partikolari, m'għandhiex iżżomm milli toħroġ permess bis-saħħa ta' xi regolamenti li jinħarġu wara, jekk kemm-il darba meta tressqet it-talba għall-ħruġ tal-liċenza ma kien hemm xejn li jmur kontra l-liġi u l-politika mħaddma dak iż-żmien[47];

"Illi TM tiġġustifika l-imġiba tagħha matul il-medda taż-żmien rilevanti billi ssemmi ċirkostanzi partikolari li żammewha milli tmexxi kif riedet GOE[48]. Hemm tliet

[43] L.S. 65.20
[44] Ara paġ. 159 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Maria Grazia Vella 1.12.2010 u ta' Vincent Micallef Pule' 11.1.2011, f'paġġ. 363 – 4 u 385 tal-proċess
[46] Xhieda ta' Alfred Spiteri 18.6.2010, f'paġġ. 285 – 9 tal-proċess
[47] P.A. TM **2.11.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Fenech vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** (mhix appellata)
[48] Paġġ. 428 – 9 tal-proċess

ċirkostanzi ewlenin li jistgħu jissemmew: (i) l-ordni tal-Ministeru mogħti f'Diċembru tal-2008, biex TM twaqqaf il-proċess tal-konsiderazzjoni tat-talbiet għall-ħruġ tal-liċenza dwar vetturi bħal dawk ta' GOE sakemm titfassal il-politika l-ġdida fir-rigward; (ii) il-ħruġ ta' talba għall-Mandat ta' Inibizzjoni minn kompetitur ta' GOE biex TM titwaqqaf milli toħroġ liċenzi jekk mhux taħt ċerti kondizzjonijiet partikolari; u (iii) talba minn GOE innifisha biex TM ma tkomplix tikkunsidra li tiċħad it-talba ta' GOE[49];

"Illi l-Qorti tibda bl-aħħar ċirkostanza. Din ma tistax titqies bħala raġuni tajba biex TM tiġġustifika l-imġiba tagħha. Dan jingħad b'mod partikolari għaliex tirreferi għal ċirkostanza li nqalgħet wara li kienet infetħet din il-kawża, u wara li TM kienet uriet li sejra tiċħad it-talba ta' GOE minħabba li l-vetturi ma kinux konformi mal-ħtiġijiet mitluba fl-Avviż Legali 149 tal-2009. Ladarba t-tħaddim jew le ta' dak l-Avviż Legali huwa l-qofol tal-kwestjoni kollha li l-Qorti għandha quddiemha, ma jista' jingħad bl-ebda mod li GOE kienet kompliċi mal-ilment tagħha stess meta talbet lil TM biex ma tkomplix bil-ħsieb tagħha tar-rifjut tat-talba għal liċenza sakemm din il-Qorti tfisser il-fehma tagħha dwar ir-reġim applikabbli dwar dik it-talba;

"Illi dwar iċ-ċirkostanza tat-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-Qorti tqis li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret fl-aħħar jiem ta' April, 2009, u l-istess TM kienet ikkontestat bil-qawwa l-ħtieġa tal-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Għalkemm it-talba kienet intlaqgħet provviżorjament, xorta waħda qatt ma ntlaqgħet definittivament u għalhekk TM ma kellha l-ebda xkiel biex tkompli tmexxi 'l quddiem l-applikazzjoni ta' GOE wara ċ-ċessjoni. Minbarra dan, l-episodju tal-ħruġ tal-Mandat ġara fil-jiem kruċjali ta' qabel ma nfetħet il-kawża u qabel ma l-qagħda ssawret bil-ħruġ tal-Avviż Legali kontestat. Dan kien żmien tassew qasir biex TM tista' tistkenn warajh biex tiġġustifika għaliex ma setgħetx tagħmel f'dawk il-ftit jiem dak li setgħet għamlet tul ix-xhur ta' qabel;

[49] Ara Dokti "AS36" u "AS37", f'paġġ. 228 sa 230 tal-proċess

"Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ iċ-ċirkostanza tal-ordni ministerjali. Jidher li din kienet ir-raġuni vera u ewlenija għaliex TM issospendiet it-talba ta' GOE għall-ħruġ tal-liċenzi mitlubin dwar it-tmien *open-top double-deckers*[50]. Madankollu, TM tissottometti[51] li l-Qorti ma tistax tistħarreġ dik id-direttiva ladarba l-Ministru m'huwiex parti fil-kawża;

"Illi l-Qorti m'hijiex fi ħsiebha tistħarreġ lil min mhux parti fil-kawża, iżda tqis li għandha s-setgħa u d-dmir li tistħarreġ lil TM u jekk kemm-il darba d-direttiva ministerjali li hija tgħid li kellha tabilfors tobdi u tħares kellux ikollha l-effett li tiġġustifika l-għamil tagħha;

"Illi mil-liġi nnifisha[52], joħroġ ċar li TM m'għandhiex awtonomija sħiħa f'dak li tagħmel. B'mod ġenerali jingħad li l-istess Awtorita' trid toqgħod għall-amar u d-direzzjoni tal-Gvern tal-ġurnata u, partikolarment, tal-Ministru li taħt id-dikasteru tiegħu jaqgħu l-funzjonijiet tal-istess Awtorita'. Madankollu, b'daqshekk, ma jfissirx li dik ir-rabta li teżisti bejn l-imsemmi Ministru u TM tibdel b'mod determinanti l-firxa ta' stħarriġ li din il-Qorti tista' tagħmel taħt proċedura bħal din tal-lum ta' stħarriġ ġudizzjarju, ladarba ma hemm l-ebda dubju li kemm TM u l-Ministru jaqgħu taħt it-tifsira ta' "awtorita' pubblika";

"Illi minbarra l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet aktar qabel dwar l-imġiba ta' TM u ċ-ċirkostanzi li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien, il-Qorti ttenni li, f'kull waqt rilevanti, kien hemm qafas ta' liġi li kien, b'mod jew ieħor, jirregola l-qasam partikolari tat-trasport li jolqot il-vetturi miġjuba f'Malta minn GOE. Ma kienx hemm baħħ li mbagħad sar dawl biss malli nħareġ l-Avviż Legali 149 tal-2009. Dan ifisser li, sakemm dawk id-dispożizzjonijiet legali (minkejja li setgħu kienu mifruxa fuq għadd ta' regolamenti taħt Atti

[50] Xhieda ta' Vincent Micallef Pule u Emanuel Delia 11.1.2011, f'paġġ. 391, 397 u 400 tal-proċess
[51] Paġ. 433 tal-proċess
[52] Dik fis-seħħ fiż-żmien rilevanti kienet l-Att IX tal-1989 dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332), imħassar bl-Att XV tal-2009 dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Kap 499)

differenti) ma kinux tħassru, kemm il-Ministru u kemm TM kellhom joqogħdu għalihom. Anqas u anqas setgħet TM tistkenn wara direttiva ministerjali li titkellem dwar politika li kienet għad trid titfassal[53]. Fil-fehma tal-Qorti, d-direttiva mogħtija mill-Ministru fl-4 ta' Diċembru, 2008, biex jitwaqqaf l-ipproċessar kollu ta' kull talba pendenti f'dak iż-żmien quddiem TM dwar vetturi bħal ta' GOE, ma kienet tista' sservi qatt biex tabroga liġi jew strument legali b'saħħa ta' liġi li kien fis-seħħ dak iż-żmien. Il-Qorti ma taf bl-ebda setgħa mogħtija lill-Eżekuttiv li, b'direttiva ministerjali, tissospendi l-effett ta' liġi fis-seħħ jekk ma tkunx direttiva fis-sura ta' liġi hija wkoll. Ma ngħad imkien li d-direttiva tal-4 ta' Diċembru, 2008, kienet qiegħda tabroga xi liġi jew strument b'saħħa ta' liġi;

"Illi huwa sinjifikativ ħafna li, tul ix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, r-rappreżentant tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, Emanuel Delia, stqarr bla tlaqlieq li b'dik id-direttiva "issospendejna l-*policies*"[54] u mhux il-liġijiet fis-seħħ. Aktar qabel stqarr ukoll li b'dik id-direttiva ministerjali ta' Diċembru tal-2008 – li huwa jgħid li x'aktarx inkitbet minnu, bħalma minnu wkoll kienet inkitbet minn idejh l-istqarrija ministerjali għall-Istampa tas-16 ta' Ottubru, 2008 – "kien hemm effett ta' limbu politiku"[55]. Għall-Qorti, limbu politiku jew sospensjoni ta' *policies* ma jissarrfux fi tħassir jew sospensjoni tal-liġijiet fis-seħħ. Għall-kuntrarju, jekk kien hemm tassew qagħda ta' limbu ta' politika (*policy*), aktar toħroġ il-ħtieġa li wieħed joqgħod għal-liġijiet. Dawk il-liġijiet kienu għadhom fis-seħħ u kienu jirregolaw il-liċenzjar tal-vetturi bħal dawk ta' GOE u l-anqas li seta' jsir kien li t-talbiet ta' GOE jitqiesu fid-dawl ta' dawk il-liġijiet u l-ħtiġijiet preskritti fihom. Hekk ukoll kienu l-fehmiet tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fix-xhur qabel ma nfetħet din il-kawża. Il-Qorti temmen bis-sħiħ li t-tħaddim tassew tas-saltna tad-dritt (*rule of law*) iseħħ fejn il-liġi titħares u titwettaq u mhux fejn tkun suġġetta għal xi

---

[53] P.A. GCD **9.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Chairman Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** (Kollez. Vol: **LXXXV.iii.358**) u App. Ċiv. **29.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et noe vs Kontrollur tad-Dwana et***

[54] Paġ. 399 tal-proċess

[55] Paġ. 397 tal-proċess

direttiva sospensiva li "tiffriża" l-effetti u l-effikaċja tal-istess liġi;

"Illi joħroġ ukoll li l-imsemmija direttiva ma kinitx amar jew ordni li tistabilixxi politika (*policy*) ġdida partikolari, iżda waħda li twaqqaf ħidma sakemm tkun iffissata politika ġdida dwar is-suġġett. Għalhekk, safejn TM tiġġustifika l-imġiba tagħha b'ħarsien ta' dik id-direttiva bħallikieku kienet qiegħda twettaq politika "ta' natura purament temporanja"[56], l-Qorti ssib li dik id-direttiva ma kinitx tassew qiegħda tistabilixxi politika, iżda sempliċement tindika li 'l quddiem kellha titfassal politika ġdida għall-qasam in kwestjoni. Minħabba f'hekk, jaqa' l-argument kollu ta' TM li l-ħarsien min-naħa tagħha tad-direttiva ministerjali kien jissarraf fit-tħaddim ta' politika ġdida li l-liġi kienet tagħtiha l-jedd li twettaq;

"Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti ssib ukoll li d-direttiva ministerjali ma kinitx waħda ġenerika, iżda, kif sewwa issottomettiet GOE, waħda għall-każ speċifiku ta' liċenzjar ta' *open-top double-deckers*. TM tisħaq[57] li d-direttiva kienet tgħodd għal applikazzjonijiet pendenti dwar is-suriet kollha ta' trasport pubbliku. Madankollu, it-titolu nnifsu ta' dik id-direttiva jagħmilha ċara li kienet tirreferi għal *open top buses u trackless trains*. Dak it-titolu jixhed li d-direttiva ma kinitx waħda ġenerali, iżda speċifika għal qasam partikolari ristrett ħafna ta' trasport pubbliku u li nzerta kien jolqot fil-laħam il-ħaj it-talba ta' GOE. Għalhekk, meqjusa f'dawn it-termini, tali direttiva tista' tidher li kienet waħda *ultra vires* għall-finijiet tal-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien li ngħatat[58], minbarra li spostat id-diskrezzjoni li TM messha wettqet b'dik tal-Ministru konċernat;

"Illi għalhekk il-Qorti issib li n-nuqqas ta' TM milli tkompli tipproċessa t-talba ta' GOE u tuża s-setgħat tagħha skont il-liġi, sempliċement għaliex kellha ordni jew direttiva ministerjali biex "tissospendi" kull talba bħal dik, kienet

---

[56] Paġ. 437 tal-proċess
[57] Paġ. 434 tal-proċess
[58] Art. 6(1) tal-Kap 332

tikkostitwixxi l-abdikazzjoni min-naħa tal-istess TM tat-twettiq tad-diskrezzjoni tagħha[59], liema abdikazzjoni tnissel raġuni tajba biex l-għamil jew omissjoni tagħha jitqiesu bi ksur tal-liġi[60];

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li l-imġiba ta' TM tiġġustifikaha għal dak li naqset li tagħmel tempestivament dwar it-talbiet ta' GOE u għalhekk issib li t-tieni talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' TM;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **it-tielet talba attriċi**. Biha GOE qiegħda titlob li l-Qorti tibda jew tissokta tipproċessa l-applikazzjonijiet minnufih u sabiex twettaq l-għamil amministrativ li ntalbet twettaq minn GOE u dan fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa;

"Illi għal din it-talba, TM qalet li ladarba kienet qiegħda tipproċessa t-talbiet ta' GOE għall-ħruġ tal-liċenza, m'għadx hemm ħtieġa li l-Qorti tipprovdi dwar dik it-talba. Hija tgħid li għarrfet lil GOE li l-proċess jista' jitkompla jekk kemm-il darba jintwera li l-vetturi miġjubin f'Malta minn GOE ikunu konformi ma' dak li jitlob l-Avviż Legali 149 tal-2009;

"Illi l-Qorti ma taħsibx li huwa minnu li m'għadx hemm ħtieġa li tipprovdi dwar din it-talba attriċi. Jirriżulta li TM kellha ordni biex tieqaf tipproċessa t-talbiet ta' GOE (u ta' kull min ressaq talba bħal dik) u li, minbarra dan, kien biss fil-mori tal-kawża li TM reġgħet ikkunsidrat li tkompli twettaq il-proċess imma skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Avviż Legali biss;

"Illi għall-Qorti dan ifisser li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel, hemm il-ħtieġa li l-Qorti tipprovdi dwar it-tielet talba attriċi, imqar biex tindika li l-proċess għall-eżami tat-talbiet ta' GOE irid isir konformement ma' dak provdut f'din is-sentenza;

---

[59] Ara App. Ċiv. **31.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Whelpdale et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana et***

[60] Nota ta' Sottomissjonijiet attriċi f'paġġ. 407 – 9 tal-proċess

"Illi GOE tgħid li qagħdet b'seba' għajnejn kif tifformula t-talba biex tevita li titlob lill-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' TM. Tisħaq li din it-talba tagħha hija biss waħda fejn TM tkun ordnata twettaq dak li kellha twettaq fi żmien stabilit;

"Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel tagħha t-tagħlim għaqli u korrett tal-Qorti tal-Appell meta qalet li "f'każ li l-qrati ordinarji jiġu mitluba jistħarrgu għemil amministrattiv, il-kompetenza tagħhom hi limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jieħdu d-deċiżjoni minflok l-awtorita` kompetenti. Jekk liġi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuża dik id-diskrezzjoni u tieħu d-deċiżjoni; jekk id-deċiżjoni li tittiehed tiġi mħassra, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-awtorita` biex dik tieħu d-deċiżjoni tagħha kif suppost u fit-terminu tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiħux deċiżjoni, tista' tiġi mġiegħla tagħmel dan, u jista' jiġi indikat lilha li r-raġunijiet għaliex kienet qed tittituba milli tieħu deċiżjoni ma kinux relevanti; pero`, finalment, hija dik l-awtorita` li trid tieħu d-deċiżjoni mhux il-Qorti. .... filwaqt li dawn il-qrati jistgħu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu ieħor b'poteri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, u li l-awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċita dik id-diskrezzjoni f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari"[61];

"Illi TM tressaq l-argument[62] li t-tielet talba attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tordna li l-ipproċessar tat-talba għall-ħruġ tal-liċenza ssir bi ksur tal-liġi llum fis-seħħ. Hija tgħid li l-liġi llum torbotha biex tqis kull applikazzjoni li għadha pendenti skont il-kriterji ffissati fl-Avviż Legali 149 tal-2009, u li kull ordni li tgħid mod ieħor ikun ifisser li TM

[61] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***
[62] Paġġ. 440 – 2 tal-proċess

tkun qiegħda tingħata ordni biex twettaq proċess kontra l-liġi;

"Illi l-Qorti tgħid li, fid-dawl ta' dak li ngħad aktar qabel, il-fatt kompjut li TM tgħid li jivvinkolaha llum ma jistax iħassar il-fatt li t-talba ta' GOE tressqet fi żmien qabel ma kien daħal fis-seħħ l-imsemmi Avviż Legali. Din il-Qorti diġa' semmiet kif, kemm il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust u kif ukoll l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta kienu fissru fuq liema kriterji kellha timxi TM dwar it-talbiet ta' GOE. Din il-Qorti għal darb'oħra ttennihom u tqis li TM ma tkun qiegħda tikser l-ebda liġi jekk timxi magħhom. Ir-raġuni waħdanija għaliex illum TM għad għandha pendenti quddiemha t-talbiet ta' GOE ġejja mill-mod mhux xieraq li bih TM innifisha mxiet f'din il-ġrajja kollha. Dak in-nuqqas ma tistax issa titgħabba bih GOE. Min-naħa l-oħra, jaqa' fis-setgħat ta' din il-Qorti hi u tistħarreġ ġudizzjarjament imġiba ta' awtorita' pubblika bħalma hi TM, li tistabilixxi taħt liema kriterji dik l-istess awtorita' kellha jew għandha timxi hi u twettaq il-funzjonijiet jew diskrezzjoni tagħha;

"Illi l-Qorti għalhekk tqis li TM għandha tipproċessa t-talbiet ta' GOE dwar l-imsemmija tmien vetturi bil-mod u l-kriterji mfissra mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, u mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fid-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' April, 2009;

"Illi għar-rigward ta' dik il-parti tat-tielet talba attriċi li trid li l-Qorti tiffissa żmien qasir u perentorju biex TM tottempera ruħha ma' dak mitlub, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha timponi żmien partikolari, għaliex tqis li b'hekk tkun qiegħda tindaħal fil-mod kif TM twettaq is-setgħat tagħha. Il-liġi nnifisha torbot lil TM biż-żmien għaqli u xieraq li għandha tieħu biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, filwaqt li jirriżulta wkoll li l-proċess tal-ħruġ tal-liċenzi kien diġa' mexa 'l quddiem sewwa sakemm twaqqaf ħesrem mal-ħruġ tad-direttiva ministerjali u għalhekk m'huwiex mistenni li dak li fadal isir jieħu ħafna aktar żmien;

"Illi, f'kull każ, dewmien bla raġuni tajba fit-tmexxija tal-imsemmi proċess jista' jitqies aktar 'il quddiem f'din il-kawża taħt it-talbiet li jirrigwardaw il-pretensjonijiet ta' GOE dwar id-danni;

"Illi għalhekk it-tielet talba attriċi sejra tintlaqa' sal-limiti hawn fuq imfissra;

"Illi jifdal biss li l-Qorti tqis **it-talba tal-kumpannija attriċi biex tordna l-eżekuzzjoni provviżorja ta' din is-sentenza**. Ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi, trid tara jekk tilqax l-imsemmija talba fid-dawl tar-rikors imressaq minn GOE fit-2 ta' Marzu, 2010. GOE tiġġustifika t-talba tagħha billi tgħid li l-ħsara li qiegħda ġġarrab ma' kull jum li jgħaddi joħloq raġuni tajba biex il-Qorti tilqa' t-talba tagħha. Fit-Tweġiba tagħha[63], TM topponi għat-talba u tissottometti li talba bħal dik ma tistax issir fejn is-sentenza li tingħata tkun waħda *in parte* u fejn il-parti li tkun telliefa m'għandhiex il-jedd awtomatiku ta' appell minn sentenza bħal dik jekk mhux bil-permess tal-Qorti li tkun tatha jew inkella biss wara li jinqatgħu l-kapijiet kollha tal-kawża b'sentenza aħħarija. Minbarra dan, l-eżekuzzjoni provviżorja tingħata fejn il-kwestjoni deċiża tkun "*waħda ta' sempliċita' ictu oculi*"[64], li f'din il-kawża m'huwiex il-każ;

"Illi dwar is-sottomissjonijiet ta' TM il-Qorti tirrileva li l-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 jgħodd għal dawk il-kawżi fejn "sentenza li ma tikkostitwix ġudikat" jista' jintalab l-esekuzzjoni provviżorja tagħha. Imkien ma jissemma fil-liġi li ma tistax tintalab l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza *in parte*[65], bħalma wkoll ma żżommx milli tintalab l-eżekuzzjoni provviżorja ta' parti minn sentenza li minnha jkun tressaq appell[66];

---

[63] Paġġ. 445 – 7 tal-proċess
[64] App. Ċiv. **30.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***T.F.E.A. Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ***
[65] Ara P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Heritage Estates Ltd vs Dr. Victor Ragonesi noe*** .
[66] Ara App. Ċiv. **10.5.2005** fl-atti tal-kawża fl-ismijiet ***Martin Ċiappara vs Moira Ċiappara***

"Illi l-Qorti tqis li l-liġi[67] trid biss li biex sentenza tkun eżegwibbli provviżorjament, il-Qorti "trid tkun soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni" bħal dik milli dik l-esekuzzjoni toħloq lill-parti l-oħra. F'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza li qiegħda tingħata se tkun b'mod ewlieni mħollija f'idejn TM innifisha billi t-twettieq tat-talbiet attriċi huwa, fil-fatt, eżerċizzju ta' diskrezzjoni mħolli f'idejha stess u għalhekk tqis li l-ħsara li tista' ġġarrab bl-eżekuzzjoni mitluba hija kontenibbli f'għamilha stess. Minbarra dan, ukoll jekk TM titlob u tingħata l-permess biex tappella minn din is-sentenza, huwa dejjem mogħti lilha mil-liġi[68] li titlob lill-Qorti li quddiemha jkun tressaq l-istess appell li tbiddel jew tħassar ordni ta' eżekuttivita' provviżorja;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talba ta' GOE biex din is-sentenza tkun eżegwibbli provviżorjament;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li n-nuqqas min-naħa tal-Awtorita' mħarrka li tagħti tweġiba lill-kumpannija attriċi fiż-żmien li trid il-liġi dwar it-talba tal-istess kumpannija attriċi biex tinħareġ liċenza għal tmien (8) *open-top double-decker buses* kien ifisser rifjut ta' dik it-talba għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imsemmi rifjut sar bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-imsemmi Kapitolu;

"**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tidderieġi lill-Awtorita' mħarrka tmexxi sa tmiemha t-talba tal-kumpannija attriċi għall-ħruġ tal-liċenza mitluba dwar l-imsemmija vetturi skont il-kriterji stabiliti f'din is-sentenza u biex tqis hi jekk,

---

[67] Art. 266(7) tal-Kap 12
[68] Art. 266(4) tal-Kap 12

skont tali kriterji, t-talba tal-kumpannija attriċi għandhiex tintlaqa';

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Awtorita' mħarrka safejn dawn jirreferu għall-ewwel tliet talbiet attriċi;

"**Tordna** li l-Awtorita' mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża** marbuta mat-tliet talbiet deċiżi b'din is-sentenza, u dawk mas-sentenza preliminari tad-29 ta' Ottubru, 2009;

"**Tilqa' t-talba tal-kumpannija attriċi** kif magħmula fir-rikors tagħha tat-2 ta' Marzu, 2010, għall-finijiet tal-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi tordna l-eżekuzzjoni provviżorja ta' din is-sentenza u dan b'seħħ minn dak inhar li l-kumpannija attriċi tressaq fl-atti ta' din il-kawża garanzija bankarja xierqa, għall-finijiet tal-artikolu 266(9) tal-Kap 12, fis-somma ta' għoxrin elf euro (€ 20,000); u

"**Tħalli l-kawża** għall-provi tal-kumpannija attriċi dwar it-talbiet l-oħrajn tagħha li dwarhom ma ngħatatx sentenza."

**L-appell tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (TM)**

2. L-Awtorita` appellanti hassitha aggravata bis-sentenza surreferita u intavolat dan l-appell fejn essenzjalment ressqet erba' aggravji kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti, u cioe`:-

I. Ix-xaharejn imsemmija f'Artikolu 469A (2) ma jibdewx jghaddu kif iddecidiet l-ewwel Qorti minn meta Garden of Eden[69] bghatet l-ittri taghha datati 17 ta' Ottubru 2008 u 27 ta' Ottubru 2008, imma jibdew jghaddu minn dakinhar li l-awtorita' pubblika tkun giet notifikata b'talba bil-miktub biex tittiehed decizjoni dwar dik l-applikazzjoni partikolari;

II. Bid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti indahlet fir-ram ezekuttiv, jekk mhux ukoll f'dak legislattiv;

[69] -Aktar 'il quddiem imsejha 'GOE'.

III. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[70] mhux biss agixxiet kontra l-ligi imma wkoll li agixxiet b'mod abbuziv;

IV. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat lil TM tkompli bl-iprocessar tal-applikazzjonijiet skont il-kriterji stabbiliti fl-istess sentenza stante li skont l-istess Awtorita` illum il-gurnata dan ma jistghax isir in vista tal-Avviz Legali 149/2009.

**Ir-risposta ta' Garden Of Eden Garage Limited.**

3. GOE irrispondiet wiehed wiehed l-aggravji mressqa minn TM u cioe`:-

1. Fir-rigward tal-ewwel aggravju GOE tissottometti li l-artikolu 469 (2) ghandu jinghata interpretazzjoni litterali u mhux kif qed jigi sottomess minn TM;

2. Fir-rigward tat-tieni aggravju GOE ssostni li thares mil-liema ottika thares, huwa car illi d-dewmien ta' TM fl-iprocessar tal-applikazzjonijiet *de quo* huwa null u *ultra vires*;

3. Fir-rigward tat-tielet aggravju GOE tirrileva illi n-nuqqas ta' TM irrenda l-ghemil taghha wiehed diskriminatorju u wkoll wiehed irragjonevoli u abbuziv;

4. Fuq ir-raba' aggravju GOE tishaq illi meta giet intavolata l-kawza odjerna l-Avviz Legali 149/2009 kien ghadu ma dahalx fis-sehh u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat lil TM tiprocessa l-applikazzjonijiet *de quo* skont il-ligijiet vigenti fil-mument tal-istess applikazzjonijiet.

**Fatti mertu tal-kawza**

---

[70] Aktar 'il quddiem imsejha 'TM'.

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni.

5. Din il-kawza hi dwar revizjoni ta' ghemil amministrattiv imwettaq minn TM li kien jikkoncerna il-licenzjar ta' tmien (8) *open-top double-decker buses* importati f'Malta mill-GOE.

6. Il-fatti li wasslu lil GOE biex tipprezenta din il-kawza kienu kif gej:-

7. Permezz ta' decizjoni datata 15 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust iddecidiet li tlett (3) vetturi tal-ghamla *open-top double-deckers* importati f'Malta minn GOE kellhom jinghataw licenzja minn TM biex joperaw.

8. F'Novembru 2008 TM harget licenzja ghal dawn it-tlett vetturi. Fl-istess xahar GOE xtrat tmien (8) vetturi ohra u fl-istess xahar gabet Malta erbgha (4) minnhom u talbet lil TM tillicenzjahom ghal fuq it-triq u sabiex isirulhom l-ispezzjonijiet mehtiega.

9. TM tat appuntament lil GOE sabiex l-istess spezzjoni issir fl-4 ta' Dicembru 2008.

10. Fl-4 ta' Dicembru 2008 inharget direttiva Ministerjali sabiex TM ma tohrogx licenzji ghal *open top double-decker buses* sakemm titfassal politika dwar dan il-qasam.

11. Fl-istess gurnata li GOE kellha ttella' l-ewwel erba' (4) vetturi ghall-ispezzjonar, intbaghtitilha ittra minn TM fejn gharrfitha li l-appuntament li kellha kien qieghed jigi pospost sakemm tkun finalizzata l-imsemmija politika u specifikazzjonijiet godda dwar l-istess *open-top buses*.

12. F'Jannar 2009 waslu Malta l-erba' (4) *open-top buses l-ohra* u ftit jiem wara GOE ghamlet talba bil-miktub lil TM biex jibda l-process ghal-licenzjar u l-ezamijiet mehtiega fuq l-istess vetturi.

13. F'Marzu 2009 GOE baghtet *memorandum* fl-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta biex tilmenta dwar il-fatt li l-hrug tal-licenzji kien jinsab mizmum fejn instab li GOE kellha ragun tilmenta mid-dewmien u TM giet ordnata tieqaf milli tkompli tipposponi l-process ghall-approvazzjoni tal-istess licenzji.

14. Fit-18 ta' Mejju 2009 GOE intavolat din il-kawza u l-ghada, u cioe` fid-19 ta' Mejju 2009, gew pubblikati r-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr tal-Passiggieri (Avviz Legali 149 tal-2009).

15. Fit-8 ta' Gunju 2009 TM gharrfet lil GOE li kienet lesta li tohrog licenzji jekk il-vetturi impurati jkunu konformi ma' dak mitlub fir-Regolament 29 tal-imsemmija Regolamenti.

16. Fit-28 ta' Settembru 2009 TM gharrfet lil GOE illi ma kinitx se tilqa' l-applikazzjonijiet ghall-hrug ta' licenzja ghal sitta (6) mit-tmien vetturi li kienet impurtat ghaliex id-data tal-manifattura taghhom ma kinitx konformi ma' Regolament 28 (2) tal-imsemmija Regolamenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Is-sentenza tal-ewwel Qorti tirrigwarda l-ewwel tliet talbiet attrici u l-eccezzjonijiet dwarhom kif mitlub mill-kumpannija attrici skont rikors taghha tat-28 ta' Jannar 2010.

18. **I-ewwel aggravju** ta' TM jirrigwarda l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti dwar minn meta jibdew jghaddu x-xaharejn imsemmija fil-*proviso* tal-Artikolu 469A (2). Filwaqt li TM tishaq li dawn ghandhom jibdew jghaddu minn dakinhar li awtorita` pubblika tkun giet notifikata b'talba bil-miktub biex tittiehed decizjoni dwar applikazzjoni, da parti taghha GOE tissottometti illi l-istess xaharejn jibdew jiddekorru minn meta l-istess awtorita` tkun notifikata bit-talba bil-miktub.

19. TM tissottometti li GOE qatt ma ghamlet talba ulterjuri biex l-istess applikazzjoni tigi processata. Tkompli tghid illi hafna decizjonijiet, iridu, min-natura taghhom iktar minn xaharejn biex jittiehdu u li c-cittadin ghandu jkollu rimedju fejn id-dewmien ikun wiehed zejjed u li allura, f'dak il-kaz, ikun jista' jaghmel talba biex tittiehed decizjoni u jkun minn dakinhar li l-awtorita` tigi notifikata b'tali talba li jiskattaw ix-xaharejn imsemmija fil-*proviso* ta' Artikolu 469A (2).

20. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Hija pretensjoni legittima ta' kull cittadin illi t-talbiet maghmula lil xi awtorita` jew organu governattiv iehor jigu decizi b'mod spedittiv u m'ghandux ghalfejn jaccetta, kif donnha qeghdha tippretendi TM, li hi xi haga mill-aktar naturali li tali decizjonijiet jitwalu u li jekk jitwalu zzejjed ic-cittadin irid jerga' jkun hu li jissollecita lill-awtorita` sabiex taghtih twegiba u fin-nuqqas, tali inerzja tittiehed daqs li kieku kien hemm rifjut. Kieku din il-Qorti kellha taccetta l-argumentazzjoni ta' TM, allura tkun qed tohloq zbilanc mhux misthoqq bejn id-doveri tac-cittadin u d-doveri tal-awtoritajiet governattivi. Filwaqt li l-awtoritajiet governattivi, generalment, meta jesigu xi haga ikun hemm dati prestabbiliti u jekk ic-cittadin ma jonorahomx ikun hemm multi, imghaxijiet u penali inflitti fuqu, daqshekk iehor ic-cittadin huwa legittimu fl-aspettattiva tieghu li d-decizjonijiet li ghandhom jittiehdu mill-istess awtoritajiet ikun trattati bi speditezza u minghajr prokrastinar.

21. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-interpretazzjoni korretta tal-*proviso* tal-Artikolu 469A (2) hija dik illi x-xaharejn skattaw minn meta GOE ghamlet it-talba taghha kif kontenuta fl-ittri datati 17 ta' Ottubru 2008 u 27 ta' Ottubru 2008. Kwalunkwe interpretazzjoni ohra hija biss intiza biex l-awtorita` teludi l-obbligi mposti fuqha mil-ligi.

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

23. **It-tieni aggravju** huwa dwar il-fatt illi skont TM, l-ewwel Qorti indahlet fir-ram ezekuttiv, jekk mhux ukoll

f'dak legislattiv u dan stante li applikat il-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust permezz tad-decizjoni tal-15 ta' Ottubru 2008 daqs li kieku kienu l-ligi li tirregola l-partijiet.

24. GOE da parti taghha wiegbet ghal dan l-aggravju billi tghid illi kienet l-istess TM li fasslet il-kriterji li tahthom gew licenzjati vetturi identici ghal dawk taghha u li kien ghalhekk li nstabet mill-ewwel Qorti li naqset fil-konfront tal-GOE meta naqset li tillicenzja tlett vetturi identici ghal dawk tal-kompetituri taghha.

25. Jirrizulta illi l-imsemmija decizjoni kienet accettata minn TM, tant li permezz ta' ittra datata 5 ta' Novembru 2008[71] gharrfet lil GOE illi kienet qeghdha tawtorizza r-registrazzjoni u l-licenzjar tal-istess vetturi u li sakemm ma tinharigx politika formali fuq l-operat tal-*open top buses,* l-istess vettura setghu jigu operati fl-*unscheduled sector.* Ghalhekk, la darba TM aderiet mad-decizjoni tal-Kummissjoni, u la darba baqghet ma hargitx il-politika formali msemmija fl-istess ittra, GOE kellha *legitimate expectation* li t-tmien vetturi l-ohra kienu se jigu licenzjati bl-istess mod stante li sad-data li fihom gew importati ma kien hemm l-ebda regolamenti ohra li kienu jimpedixxu tali registrazzjoni.

26. TM tissottometti wkoll illi wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust il-Gvern ha l-passi necessarji biex titfassal u tigi implimentata politika gdida, pero` sakemm l-istess politika giet finalizzata inharget ordni sabiex il-licenzjar tal-vetturi in kwistjoni jigi sospiz u allura s-sitwazzjoni spiccat xi ftit imcajpra. Pero l-Gvern, skont TM, agixxa minghajr tnikkir, fil-pubbliku u fil-konfront ta' kulhadd.

27. Apparti li din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' TM illi ma kienx hemm tnikkir, tirrileva illi minkejja d-direttiva ministerjali, il-ligi li kienet ghadha tirregola lill-istess Awtorita` ma giet bl-ebda mod sospiza u ghalhekk

[71] Dok AS 10 a fol. 75

kien ghadu dmir tal-istess Awtorita` li "*taghmel dak kollu mehtieg jew spedjenti ghall-ittestjar, registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi bil-mutur u s-sewwieqa taghhom…*"[72] Apparti minn hekk, permezz tal-ittra taghha datata 5 ta' Novembru 2008 lil GOE, l-istess TM ghamlet referenza ghall-Avviz Legali 162 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 348 tal-2005 u ghalhekk kienet konxja x'kien il-qafas legali li fuqu kellha timxi ghal-licenzjar tal-vetturi in kwistjoni, liema Avviz Legali saz-zmien meta gew importati l-istess vetturi bl-ebda mod ma gie abrogat.

28. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, TM ma setghetx fuq direttiva Ministerjali tabdika mir-responsabbiltajiet taghha u thalli fil-limbu ghal diversi xhur operatur li kien ghamel investiment qawwi abbazi ta' qafas legali li kien jirregola s-suq fiz-zmien meta l-istess vetturi gew importati.

29. Kif qalet tajjeb GOE fir-risposta taghha ghall-appell ta' TM, il-Ministru koncernat kellu l-poter li jaghti direttivi <u>generici</u> u li ma jkunux konfliggenti mal-ligi, altrimenti jrid jirrikorri ghas-setgha tieghu li jaghmel regolamenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-direttiva in kwistjoni ma kinitx wahda generika peress li kienet tindirizza licenzjar ta' certu tip ta' vetturi filwaqt li l-ghan taghha kien li TM tieqaf milli twettaq uhud mill-funzjonijiet riservati lilha permezz tal-ligi kif spjegat iktar íl fuq. Iktar minn hekk, kif gia` inghad, bil-hrug tad-direttiva Ministerjali, bl-ebda mod ma gew sospizi l-ligijiet vigenti li baqghu jirregolaw dan is-settur.

30. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

31. Permezz **<u>tat-tielet aggravju</u>** TM issostni li hassitha wkoll aggravata bil-fatt illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-istess Awtorita` mhux biss agixxiet kontra l-ligi, izda wkoll li agixxiet b'mod abbuziv. Skont TM, l-iktar li forsi setghet tghid l-ewwel Qorti hu li TM ghandha

[72] Kapitolu 332, artikolu 4 (1) (d)

“idejat strambi” dwar is-sistema legali taghna u li kienet zgwidata bil-fehma li kellha tobdi d-direttiva Ministerjali.

32. L-ewwel Qorti ippronunzjat ruhha fuq il-fatt li TM imxiet b’mod abbuziv fuq il-konsiderazzjonijiet illi fil-5 ta’ Novembru 2008[73] hija infurmat lil GOE x’kien rikjest minnha biex tlett vetturi importati xi snin qabel dawk in kwistjoni tinhargilhom licenzja, fejn jissemma’ Avviz Legali partikolari, u cioe` A.L. 162/2003 kif emendat b’Avviz Legali 348/2005 li mieghu l-vetturi riedu jkunu konformi. Barra minn hekk, f’April 2009, l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta kien ta decizjoni dwar l-inerzja ta’ TM biex tigi processata t-talba ghall-hrug ta’ licenzja tat-tmien vetturi mertu ta’ din il-kawza u kien indika liema kellha tkun il-ligi regolatorja ghat-talba ta’ GOE – Avviz Legali 476/04[74] - u x’kienu l-kriterji li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-ipprocessar tal-istess talba.

33. Jirrizulta illi ghalkemm ghall-ewwel TM kienet ikkontestat id-decizjoni tal-istess Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta, l-istess procedura ghall-istharrig tal-istess decizjoni giet irtirata minnha stess fil-15 ta’ Gunju 2009.[75]

34. Wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari ghal dan il-kaz, u wara li qieset ukoll is-sottomissjonijiet ta’ TM u GOE, tasal biex taqbel ma dak enuncjat mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-agir ta’ TM. Jinghad illi TM kienet taf, jew messha kienet taf, li hija ma setghetx tabdika mill-obbligazzjonijiet imposti fuqha mil-Ligi u thalli lil GOE tistenna xhur, minkejja li kienet taf kemm bid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li kienet irrimettiet ruhha ghaliha, kif ukoll bid-decizjoni tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta liema decizjoni ma komplietx tigi kontestata da parti taghha.

35. Huwa wkoll rilevanti il-fatt li d-direttiva ministerjali in kwistjoni harget fl-istess jum li GOE kellha ttella’ l-vetturi taghha ghall-ispezzjoni sabiex eventwalment jigu

[73] Dok AS 10 a fol. 75-6 tal-process
[74] L.S. 65.20
[75] Ara xieda ta’ Dr. Keith Bonnici a fol. 353 tal-process

registrati. Il-Qorti ma temminx li din kienet biss koincidenza kif ippruvat tpengiha TM. Dan ikompli jsahhah l-argument ta' GOE illi TM imxiet b'mod abbuziv fil-konfront taghha stante li fl-istess zminijiet kompetituri taghha kienu qeghdin joperaw b'vetturi identici u hi baqghet tigi rinfaccjata b'kull ostakolu possibbli biex tottjeni l-istess licenzji.

36. Ghalhekk anke dan l-aggravju ghandu jigi michud.

37. Permezz **tar-raba' aggravju** TM tilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ordnatilha tissokta tipprocessa l-applikazzjonijiet ta' GOE ghall-hrug tal-licenzja mitluba skont il-kriterji stabbiliti fl-istess sentenza. TM tishaq li b'din id-decizjoni l-ewwel Qorti arrogat ghaliha nnifisha l-poter li tiddeciedi l-applikazzjonijiet ta' GOE. Hija tirrileva wkoll illi TM ma tistax issa tipprocessa tali applikazzjonijiet taht xi regim iehor hlief taht l-Avviz Legali 149/2009 li dahal fis-sehh fid-19 ta' Mejju 2009.

38. Il-Qorti tinnota illi l-ewwel TM ghazlet li ma tipprocessax l-applikazzjonijiet ta' GOE peress li skont hi kien hemm id-direttiva Ministerjali biex ikun hemm sospensjoni fl-iprocessar tal-istess applikazzjonijiet, u issa diversi xhur wara qeghdha tghid li xorta wahda ma tistax tipprocessahom ghaliex il-vetturi ma humiex konformi mal-Avviz Legali li prezentement jirregola s-settur tal-*open deck buses*.

39. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa agir skorrett u sleali fil-konfront tac-cittadin. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **Nazzareno Fenech v. Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**[76] fejn il-Qorti ddecidiet illi applikazzjoni kellha tigi kkunsidrata abbazi tal-ligi vigenti fiz-zmien meta saret u mhux trattata abbazi ta' ligijiet posterjuri jew *policies* inezistenti.

40. Dwar il-fatt li skont TM, l-ewwel Qorti tat iktar minn dak mitlub fir-rikors guramentat, din il-Qorti taqbel mas-

[76] 2.11.2006 PA

sottomissjoni maghmula minn GOE fir-risposta taghha ghall-appell odjern. Fiz-zmien li saret il-kawza, il-ligi vigenti kienet l-istess wahda li TM ghamlet referenza ghaliha f'ittra mibghutha minnha lil GOE[77] u wkoll l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta b'decizjoni tieghu f'April 2009 kien indika lil TM liema kellha tkun il-ligi li kellha tapplika ghat-talba ta' GOE u cioe` Avviz Legali 476/2004.

41. Ghaldaqstant din il-Qorti jidhrilha li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti ta' GOE li t-talba ghamlitha kif ghamlitha billi fil-gurnata li pprezentat il-kawza il-ligijiet kienu dawk li kienu. Min-naha l-ohra ma kien hemm xejn legalment li jzomm lill-ewwel Qorti milli, a skans ta' ekwivoci, tippronunzja ruhha abbazi ta' liema ligi t-talbiet ta' GOE kellhom jigu processati. Li kieku l-ewwel Qorti ma kkjarifikatx taht liema regim legali ghandhom jigu processati l-applikazzjonijiet *de quo* kien se jkun hemm lok ghal aktar litigazzjoni inutili, ladarba l-ewwel Qorti, bhal din il-Qorti, hija tal-fehma illi r-regim legali ta' qabel l-Avviz Legali 149 tal-2009 ghandu japplika ghall-istess.

42. Fir-rigward tal-ilment ta' TM li l-ewwel Qorti abrogat fuqha nnifisha l-poter li tiddeciedi hi l-mertu tat-talbiet *de quo*, din il-Qorti thoss li anke hawn TM m'ghandhiex ragun, u dan ghaliex l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha jekk GOE ghandhiex tinghatha jew le l-licenzja mitluba. L-ewwel Qorti halliet fid-diskrezzjoni ta' TM jekk tilqax jew le t-talba ta' GOE u dan konformament ma' dak deciz fl-istess sentenza.

43. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qieghed jigi michud ukoll.

**DECIDE**

44. Ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, tad-29 ta' Settembru 2011 u tordna li l-kawza

[77] A.L. 162/2003 dwar Pizijiet, Dimensjonijiet u Taghmir tal-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.21)

tigi rinvjata lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigh tal-provi dwar it-talbiet li fadal.

45. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------